**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 11 ta' April 2024**

**Rikors Numru: 68/24 AGV**

**JPM**

**-vs-**

**Dr Joseph Brincat u l-PL Silvana Vella bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti MF DLF**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors urgenti ta' JP M tad-9 ta' Frar 2024 li fih, in linea mad-disposizzjoni tal-artikolu 10 tal-Kap. 410 tal-Ligijiet ta' Malta, talab dikjarazzjoni illi r-ritenzjoni tat-tifel minuri B C M D L F, gewwa l-Brazil hi wahda illecita

ghat-tenur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri;

Rat ir-risposta urgenti tal-Kuraturi Deputati tas-16 ta' Frar 2024 f'liema huma eccepew li mhux edotti mill-fatti dwar il-habitual residence tal-minuri, u li qed jippresumu illi t-talba hija intiza ghall-finijiet ta' dak li jipprovdi l-Art. 89A tal-Kodici Kriminali, stante li f'kaz hekk taghti l-poter lill-pulizija li johorgu arrest warrant internazzjonali, minghajr il-htiega li huma jindikaw kull darba fejn il-persuna li tirrimwovi minuri tista' tinstab jew tbiddel minn pajjiz ghall-iehor u ghalhekk irrimettew rwiehhom;

Rat il-provi prodotti mir-rikorrent;

Rat illi l-kuraturi naqqsu milli jipproducu provi;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Jirrizulta illi din il-Qorti ghandha quddiemha biss verzjoni wahda u cioe` dik tar-rikorrent, stante li l-kuraturi deputati ma ressqux provi u lanqas ma kkontroezaminaw ix-xhieda mressqa mill-istess rikorrent;

**IKKUNSIDRAT:**

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li r-ritenzjoni tal-minuri msemmi gewwa l-Brazil hija wahda illecita.

Bhala stat ta’ fatt, jirrisulta li  MF D L F, omm l-istess minuri, kellha relazzjoni mar-rikorrenti, u minn din l-istess relazzjoni twieled il-minuri in kwistjoni. Jirrisulta wkoll li l-istess telqet minn Malta suppost ghal perjodu definit, bejn Lulju u Awwissu tas-sena l-ohra, izda ma rritornatx lura Malta. Ghalhekk ir-rikorrenti ressaq dan ir-rikors generali ai termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 10 tal-Kap 410.

Illi l-ligi in materja hija s-segwenti:

**Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta’ Minuri tal-1980**

> 3. Ir-rimozzjoni jew ir-ritenzjoni ta’ minuri għandhom jitqiesu bħala illeċiti meta:
>
> (a) dan ikun bi ksur tad-drittijiet ta’ kustodja, vestiti f’persuna, istituzzjoni jew enti oħra, kemm singolarment, kif ukoll konġuntement, taħt il-liġi tal-Istat fejn ilminuri kien soltu joqgħod minnufih qabel ir-rimozzjoni jew ritenzjoni;
>
> (b) filwaqt tar-rimozzjoni jew tar-ritenzjoni dawk id-drittijiet kienu attwalment eżerċitati, jew konġuntement sew singolarment, jew kienu jkunu hekk eżerċitati kieku ma kienx għar-rimozzjoni jew għar-ritenzjoni.
>
> Id-drittijiet ta’ kustodja imsemmija fis-subparagrafu (a) hawn aktar qabel jistgħu joriġinaw b’mod partikolari mill-operat tal-liġi jew bis-saħħa ta’

deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva, jew bis-saħħa ta' ftehim li jkollu effett legali skont il-liġi ta' dak l-Istat.

**L-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kap. 410)**

3. (1) F'din it-Taqsima ta' dan l-Att "il-Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, li kienet ġiet iffirmata f'L-Ajja fil-25 ta' Ottubru, 1980, u li l-Artikoli rilevanti tagħha qegħdin fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' danl-Att, id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni li qegħdin fl-Ewwel Skeda għandhom jkollhom is-saħħa ta' liġi f'Malta.

( ... )

10. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew kull qorti oħra msemmija b'ordni tal-Ministru tista', fuq applikazzjoni magħmula għall-finijiet tal-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni minn xi persuna li l-qorti tara li jkollha interess fil-kwistjoni, tiddikjara li t-trasferiment ta' xi minuri minn Malta, jew ir-ritenzjoni tiegħu barra minn Malta, kien jew kienet illeċità fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni

**Artikolu 15 tal-Konvenzjoni:**

L-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi ta' Stat Kontraenti jistgħu, qabel ma jagħmlu ordni għar-ritorn ta' minuri, jeħtieġu lill-applikant li jikseb mingħand l-awtoritajiet tal-Istat fejn ikun soltu joqgħod il-minuri sentenza jew deċiżjoni oħra fis-sens illi r-rimozzjoni jew ir-ritenzjoni

> kienet waħda illeċita għat-tenur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, meta dik is-sentenza jew deċiżjoni tkun tista' tinkiseb f'dak l-Istat. L-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istati Kontraenti għandhom sa fejn dan ikun prattikabbli jassistu lill-applikanti fil-ksib ta' dik is-sentenza jew deċiżjoni.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi mill-atti, b'mod partikolari mill-inkartament ezebit minn Roberta Vella ghan-nom tac-Central Authority ta' Malta, ma jirrizultax li r-rikorrent gie mitlub lilu sentenza jew decizjoni ohra fis-sens illi r-ritenzjoni, f'dan il-kaz, kienet wahda illecita ghat-tenur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Illi fil-fatt mill-istess inkartament, partikolarment l-email datata 5 ta' Jannar 2024, a fol. 17 tal-inkartament li ezebiet Roberta Vella, jirrizulta elenku tad-dokumenti li gew rikjesti lis-Sur M . Dik l-email giet segwita b'email ohra datata 9 ta' Jannar 2024, f'liema gie mitlub traduzzjoni tad-dokumenti u gie mistoqsi jekk hemmx proceduri pendenti fir-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri.

Illi mill-atti, u lanqas mix-xhieda prodotta mir-rikorrent innifsu permezz tal-affidavit tieghu, ma jirrizulta illi fil-fatt ir-rikorrent gie mitlub jottjeni sentenza jew decizjoni mill-Qorti Maltija dwar jekk ir-ritenzjoni mill-Omm gewwa l-Brazil hijiex wahda illecita o meno.

Madankollu, il-Qorti tifhem illi tali rikjesta m'hijiex tassattiva, u ghalhekk m'hemm xejn li jipprekludi lir-rikorrenti milli jistitwixxi din il-procedura. Id-dicitura tal-ligi f'dan ir-rigward hija cara; l-awtoritajiet tal-istat barrani *jistghu* jehtiegu decizjoni jew sentenza ta' ritenzjoni illecita. F'dan il-kaz in ezami, dan ghadu ma sarx. Il-Qorti tinterpreta tali Artikolu fis-sens illi l-istat barrani jista' jordna r-ritorn tal-minuri wara li jkun talab decizjoni ta' ritenzjoni illecita mill-istat fejn il-minuri kien jirresjedi, jew jordna l-istess ritorn minghajr ma jitlob ghal decizjoni tal-istat l-iehor, Kemm f'kaz u kemm f'iehor, il-genitur li gie prekluz minn uliedu ghandu kull dritt jressaq talba kif ghamel ir-rikorrenti, minghajr m'ghandu ghalfejn jistenna tali rikjesta minn stat barrani. Il-Qorti dejjem izzomm f'mohhha l-interess ewlieni tal-minuri, li f'kazijiet bhal dawn jigi arbitrarjament imcahhad minn genitur.

Fil-mertu, il-provi mressqa minnu ma gewx kontradetti, u ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talba tieghu kif dedotta. Harsa fuq fuq lejn l-istess provi juru bic-car illi omm il-minuri siefret ghal perjodu qasir, bejn wiehed u iehor xahar, bejn Lulju u Awwissu 2023, izda baghtet tinforma lir-rikorrenti illi ma kienetx sejra tirritorna lura Malta. Dan jirrisulta mill-messaggi skambjati bejn il-partijiet. Inoltre, it-tifel minuri ghadu registrat li qed jattendi skola hawn Malta, skond dokumenti esebiti f'dan is-sens, u ovvjament din is-sena skolastika ma attendiex darba, ghalkemm ghadu hekk registrat.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQA’ T-TALBIET TAR-RIKORRENTI.

TIIDKJARA illi r-ritenzjoni tal-minuri BCMDL gewwa l-Brazil hi wahda illecita a tenur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestri Internazzjonali ta’ Minuri, ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 410 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati temporanjament mir-rikorrenti, izda jsiru rekuperabbli mill-intimata, meta din tigi rintraccata.

**Imhallef Antonio G. Vella**

**Maria Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**